SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

11 ta' Diċembru 2024*

"Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Glashütte ORIGINAL – Raġuni assoluta għal rifjut – Assenza ta' karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001"

Fil-Kawża T-1163/23,

Glashütter Uhrenbetrieb GmbH – Glashütte/Sa., stabbilita fi Glashütte (il-Ġermanja), irrappreżentata minn D. von Schultz, avocat,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), irrappreżentat minn V. Ruzek, bħala aġent,

konvenut,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla),

komposta minn I. Gâlea (Relatur), li qiegħed jaġixxi bħala President, T. Tóth u S. L. Kalėda, Imħallfin,

Reġistratur: R. Ūkelytė, Amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tas-17 ta' Settembru 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza[1]

[*omissis*]

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

[1] Huma riprodotti biss dawk il-punti ta' din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali tqis li l-pubblikazzjoni tagħhom hija utli.

Id-dritt

[*omissis*]

Fuq it-tieni parti tal-motiv uniku, dwar l-estensjoni tar-reputazzjoni tal-belt ta' Glashütte fil-qasam tal-istrumenti li juru l-ħin tradizzjonali għall-prodotti u għas-servizzi virtwali inkwistjoni

[*omissis*]

37 Skont il-ġurisprudenza, għalkemm it-trade marks kollha komposti minn sinjali jew indikazzjonijiet li huma, barra minn hekk, użati bħala slogans ta' reklamar, indikazzjonijiet ta' kwalità jew espressjonijiet li jħajru x-xiri tal-prodotti jew is-servizzi koperti minn dawn it-trade marks jittrażmettu bħala regola ġenerali, xi ftit jew wisq, messaġġ oġġettiv, anki sempliċi, huma jistgħu, madankollu, jkunu kapaċi li jindikaw lill-konsumatur l-oriġini kummerċjali tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni. Dan jista' b'mod partikolari jkun il-każ meta dawn it-trade marks ma jkunux limitati għal messaġġ pubbliċitarju ordinarju, iżda jkollhom ċerta oriġinalità jew reżonanza, jeħtieġu sforz minimu ta' interpretazzjoni jew jagħtu bidu għal proċess konjittiv fi ħdan il-pubbliku kkonċernat (sentenzi tal-21 ta' Jannar 2010, Audi vs UASI, C-398/08 P, EU:C:2010:29, punti 56 u 57, u tat-22 ta' Marzu 2017, Hoffmann vs EUIPO (Genius), T-425/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:199, punt 28).

38 Bil-kontra, sinjal ma jkunx tali li jissodisfa l-funzjoni essenzjali tat-trade mark, u għalhekk ma jkunx distintiv fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament 2017/1001, meta r-rabta stabbilita bejn il-kontenut semantiku tiegħu u l-prodotti u s-servizzi inkwistjoni tkun suffiċjentement konkreta u diretta sabiex, f'moħħ il-pubbliku rilevanti, dan is-sinjal jippermetti identifikazzjoni immedjata ta' dawn il-prodotti u ta' dawn is-servizzi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Mejju 2013, Restoin vs UASI (EQUIPMENT), T-356/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:253, punt 42, u tas-27 ta' Ġunju 2013, International Engine Intellectual Property Company vs UASI (PURE POWER), T-248/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:333, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Sabiex tiġi kkonstatata l-assenza ta' karattru distintiv, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li t-trade mark li għaliha tkun saret l-applikazzjoni tindika lill-konsumatur karatteristika tal-prodott jew tas-servizz relatata mal-valur kummerċjali tiegħu, li, mingħajr ma tkun preċiża, tirriżulta minn informazzjoni ta' natura promozzjonali jew pubbliċitarja, li l-pubbliku rilevanti jipperċepixxi fl-ewwel lok bħala tali, minflok bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali tal-prodotti jew tas-servizzi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2021, Ceramica Flaminia vs EUIPO – Ceramica Cielo (goclean), T-290/20, mhux ippubblikata, EU:T:2021:405, punt 41).

40 F'dan ir-rigward, minn naħa, il-Bord tal-Appell qies b'mod ġust li l-isem Glashütte jevoka għall-pubbliku rilevanti belt Ġermaniża famuża għall-produzzjoni ta' arloġġi ta' kwalità għolja, hekk kif jirriżulta mill-punt 26 iktar 'il fuq. Min-naħa l-oħra, huwa kkonstata, mingħajr kontestazzjoni min-naħa tal-appellanti, li l-kelma "original" tevoka l-idea ta' awtentiċità u ta' lealtà lejn l-oriġinal. Għaldaqstant, l-imsemmi Bord tal-Appell ma wettaqx żball ta' evalwazzjoni meta qies li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kollha kemm hi hija pperċepita mill-imsemmi pubbliku bħala li tevoka wirt ta' għarfien prattiku eċċezzjonali u reputazzjoni ta' eċċellenza fil-qasam tal-industrija tal-istrumenti li juru l-ħin tal-belt ta' Glashütte, b'tali mod li l-elementi verbali ma kellhomx karattru distintiv.

41 Għal dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, l-evalwazzjoni tal-karattru distintiv ta' trade mark fir-rigward ta' prodotti u ta' servizzi virtwali li għalihom saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, għandu jitqies li l-pubbliku rilevanti ser jipperċepixxi, bħala prinċipju, prodotti u servizzi virtwali bl-istess mod kif jipperċepixxi l-prodotti u s-servizzi reali korrispondenti. In-natura tal-prodotti u tas-servizzi inkwistjoni hija għalhekk determinanti. Għaldaqstant, jekk il-prodotti virtwali ma jagħmlu xejn ħlief jirrappreżentaw prodotti reali jew jekk prodotti virtwali jirrappreżentaw jew jimitaw il-funzjonijiet ta' prodotti reali, jew anki jekk servizzi virtwali jimitaw il-funzjonijiet ta' servizzi reali fid-dinja virtwali, jista', bħala prinċipju, jiġi stabbilit trasferiment tal-perċezzjoni li l-pubbliku rilevanti għandu tal-prodotti u tas-servizzi reali lejn il-prodotti u s-servizzi virtwali korrispondenti. Il-possibbiltà ta' tali trasferiment għandha madankollu tkun is-suġġett ta' evalwazzjoni każ b'każ, billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-partikolarità tal-prodotti u tas-servizzi virtwali inkwistjoni.

42 Fil-każ ineżami, għandu jitfakkar li l-pubbliku li fir-rigward tiegħu l-Bord tal-Appell evalwa l-karattru distintiv tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni huwa limitat għall-pubbliku Ġermaniż li jaf bil-belt ta' Glashütte, u għalhekk ir-reputazzjoni ta' din il-belt għall-produzzjoni tal-arloġġi, u li jifhem it-tifsira tal-kelma kurrenti "original". Barra minn hekk, il-prodotti u s-servizzi virtwali inkwistjoni jirreferu għal istrumenti reali li juru l-ħin u l-aċċessorji tagħhom u b'hekk jistgħu jirrappreżentaw il-prodotti u s-servizzi reali korrispondenti jew jimitaw il-funzjonijiet tagħhom. Għaldaqstant, meta dan il-pubbliku jitqiegħed fil-preżenza tal-imsemmija prodotti u servizzi virtwali, huwa jipperċepixxi direttament it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni bħala estensjoni loġika tar-reputazzjoni tal-belt ta' Glashütte fir-rigward tal-istrumenti li juru l-ħin tradizzjonali u din it-trade mark tagħtih l-istess sentimenti pożittivi fir-rigward tal-kwalità u tal-awtentiċità tal-prodotti u tas-servizzi virtwali bħal fir-rigward tal-kwalità u tal-awtentiċità tal-prodotti u tas-servizzi reali.

43 Konsegwentement, il-Bord tal-Appell ma wettaqx żball ta' evalwazzjoni meta qies li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kienet nieqsa minn karattru distintiv, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 38 u 39 iktar 'il fuq, peress li hija ma tistax tiġi pperċepita mill-pubbliku rilevanti bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali tal-prodotti u tas-servizzi inkwistjoni, iżda pjuttost bħala informazzjoni promozzjonali dwar il-kwalità u l-awtentiċità tal-imsemmija prodotti u servizzi, trażmessa b'riferiment għall-belt ta' Glashütte u r-reputazzjoni tagħha fil-qasam tal-prodotti fiżiċi li juru l-ħin.

44 L-argumenti tar-rikorrenti ma jistgħux ipoġġu inkwistjoni din il-konklużjoni.

45 L-ewwel nett, għalkemm huwa stabbilit li r-reputazzjoni tal-belt ta' Glashütte fil-qasam tal-istrumenti li juru l-ħin tradizzjonali ma testendix, fil-preżent, għall-qasam tal-istrumenti li juru l-ħin virtwali, kif issostni r-rikorrenti, xorta jibqa' l-fatt li l-prodotti u s-servizzi inkwistjoni jirreferu espressament għal prodotti li juru l-ħin u għall-aċċessorji tagħhom.

46 Fil-fatt, hekk kif irrileva ġustament il-Bord tal-Appell, il-prodotti u s-servizzi inkwistjoni jikkonsistu fi prodotti virtwali relatati ma' prodotti li juru l-ħin u mal-aċċessorji tagħhom kif ukoll fil-bejgħ bl-imnut u fit-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dawn il-prodotti virtwali. Konsegwentement, it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni ser tintuża fir-rigward ta' prodotti u servizzi virtwali li jistgħu jirrappreżentaw l-istess prodotti u servizzi reali bħal dawk li għalihom l-isem tal-belt ta' Glashütte għandu reputazzjoni jew jimitaw il-funzjonijiet ta' dawn tal-aħħar.

47 It-tieni nett, l-argument tar-rikorrenti li l-Bord tal-Appell jinjora d-differenza sostanzjali li teżisti bejn il-prodotti reali u l-prodotti virtwali għandu wkoll jiġi miċħud.

48 Fil-fatt, il-Bord tal-Appell spjega li l-prodotti virtwali kienu jirreferu għal oġġetti mhux fiżiċi użati f'ambjenti online jew virtwali. Hija żiedet tgħid li dawn il-prodotti setgħu jirrappreżentaw prodotti reali, jirrappreżentaw u jimitaw il-funzjonijiet ta' prodotti reali jew jirrappreżentaw oġġetti li ma għandhomx ekwivalenti reali.

49 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti bbażat fuq "differenza sostanzjali" bejn il-prodotti reali li juru l-ħin u l-prodotti virtwali inkwistjoni, li huma fajls diġitali, dan ma jindikax kif din id-differenza tbiddel il-perċezzjoni tal-pubbliku rilevanti, sa fejn jibqa' stabbilit li l-isem Glashütte huwa magħruf fil-qasam tal-istrumenti li juru l-ħin tradizzjonali, jiġifieri dak tal-prodotti reali li l-prodotti virtwali inkwistjoni huma intiżi li jirrappreżentaw jew li tagħhom huma intiżi li jimitaw il-funzjonijiet.

50 It-tielet nett, l-argument tar-rikorrenti dwar l-assenza ta' sovrappożizzjoni bejn il-pubbliku interessat fl-arloġġi reali u dak interessat fl-arloġġi virtwali u s-servizzi relatati magħhom għandu jiġi miċħud.

51 Minbarra l-fatt li r-rikorrenti ma ssostnix l-affermazzjoni msemmija fil-punt 50 iktar 'il fuq, hija ma turix kif il-pubbliku rilevanti, interessat fl-istrumenti li juru l-ħin tradizzjonali u li jaf bir-reputazzjoni tal-belt ta' Glashütte f'dan il-qasam, ma jinteressax ruħu fl-istrumenti li juru l-ħin virtwali u viċe versa.

52 Għaldaqstant, it-tieni parti tal-motiv uniku għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

[*omissis*]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Glashütter Uhrenbetrieb GmbH – Glashütte/Sa. hija kkundannata għall-ispejjeż.

Gâlea Tóth Kalėda

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-11 ta' Diċembru 2024.

Firem